TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 144/12/GZ

**Louis Chetcuti**

**vs**

**GO plc.**

Illum 17 ta' Jannar 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-8 ta' Gunju, 2012 fejn ir-rikorrent talab l-ammont ta' mija u ghoxrin Ewro (€120.00), bhala danni morali ghall-hela ta' hin.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fit-28 ta' Ottubru 2011, huwa kien irritorna l-kaxxa tat-televixin tal-'Multiplus/GO' lis-socjeta' ntimata, fejn huwa hallas ta' xahar kera jumejn qabel ma ghalaq ix-xahar minn kont ta' xahrejn bil-quddiem.

Madanakollu, xahrejn wara, huwa rcieva kont minghand is-socjeta' ntimata tas-servizz tat-televixin, ghalkemm huwa kien ittermina s-servizz taghha. Ghalhekk, ir-rikorrent rega' mar ghand is-socjeta' ntimata fejn urieha il-kont u hija qaltlu illi kienet ser ticcekja mal-'customer care'. Ir-rikorrent kien ircieva telefonata minghand il-'customer care' fejn

kienu talbuh il-kopja tal-kuntratt li juri li huwa kien ittermina, u r-rikorrent kien qalilhom illi sa fejn kien jaf hu, ma kien inghata l-ebda karta bara l-kont li kien hallas fejn tranga d-differenza.

Is-socjeta' ntimata kienet regghat baghtet kont iehor, ghalhekk ir-rikorrent rega' mar ghandha fejn regghu gew ikkuntatjati tal-'customer care' biex huwa jimla l-formola li s-socjeta' ntimata ma kenitx taghtu l-ewwel darba. Is-socjeta' ntimata nformatu wkoll illi l-kaz kien ser jinghalaq, pero' r-rikorrent baqa' jircievi l-kont tal-kaxxa ghalkemm huwa la ghandu l-kaxxa u lanqas is-servizz.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tal-kont li huwa hallas u l-ircevuta ta' l-istess; TV Service Equipment Return Form; u l-kontijiet li baqa' jircievi.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tas-smiegh tat-talba.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn zied jghid illi l-ammont li huwa qed jitlob huwa fil-fatt ammont mitlub bhala danni morali ghat-telf ta' hin li sofra minhabba l-izbalji tas-socjeta' ntimata.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata ma kenitx intiza sabiex tixhed fuq il-kawza in kwistjoni.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, qed jichad it-talba tar-rikorrent, stante li ma gie ppruvat l-ebda tip ta' dannu morali, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**